

Brussell, 23 ta' Frar 2022
(OR. fr, en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0104(COD)

6292/22
ADD 1

DRS 8
EF 50
ECOFIN 128
SUSTDEV 37
CODEC 163
IA 13
COMPET 95

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	5864/22
Nru dok. Cion:	8132/21
Suġġett:	Direttiva li temenda d-Direttiva 2013/34/UE, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u r-Regolament (UE) Nru 537/2014, fir-rigward tar-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà <i>Approċċ Ġenerali</i> <i>- Dikjarazzjoni tar-Repubblika Ċeka</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dikjarazzjoni tar-Repubblika Ċeka.

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka dwar id-Direttiva li temenda d-Direttiva 2013/34/UE, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u r-Regolament (UE) Nru 537/2014, fir-rigward tar-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà

Ir-Repubblika Ċeka tifhem is-sinifikat tat-trasparenza fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem. Min-naħa l-oħra, ir-Repubblika Ċeka hija wkoll konvinta bis-sħiħ li effetti pożittivi sinifikanti għas-sostenibbiltà tal-ambjent tan-negozju jridu ikunu ikbar mill-obbligi l-ġodda u piż amministrattiv.

Ir-Repubblika Ċeka tibqa' pjuttost xettika dwar l-obbligi stabbiliti b'mod wiesa' għall-għadd relattivament għoli ta' suġġetti fil-mira li jista' jkollhom biss valur miżjud limitat għall-protezzjoni ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem. Fil-fehma tagħna, qed niffaċċjaw riskju li noħolqu sempliċiment obbligi amministrattivi formali ġodda. Għalhekk, nippreferu nżommu l-obbligi ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà fuq bażi volontarja.

Ir-Repubblika Ċeka hija wkoll imħassba dwar il-piż amministrattiv akbar għas-settur privat.
